**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1179/97

Vincent Spiteri

vs

Kalaxlokk u b’ digriet tad-29 ta’ Frar 2000 gie mizjud il-kliem “Company Limited”

Illum 30 ta’ Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1987 huwa sofra ingustizzja f’li ma thalliex jkompli jaghmel xoghol relatat mal-grad tieghu, imma rieduh jahdem f’grad anqas u konsegwentament gie mkecci mix-xoghol.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Kalaxlokk fin-1982 fil-Grad ta' Group D. Fis-7 ta' Lulju 1987 tawh transfer ghall-Kalaxlokk Delimara fejn rieduh bil-fors jahdem sas-6.00 ta' filghaxija Overtime. Dak iz-zmien huwa kien ghadu guvni jghix ma' ommu u ommu kienet ma tiflahx u kellha bzonn min jiehu hsiebha 24 siegha fil-gurnata. Huma kellhom ftehim li oht ir-rikorrent u l-mara ta' huh jiehdu hsiebha matul il-gurnata u r-rikorrent jiehu hsibha kif jigi mix-xoghol. Peress li r-rikorrent irrifjuta u tahom ic-Certifikati tat-Tabib huma bhala vendikazzjoni baghtuh jahdem mal-kuntrattur mhux fil-Group D izda bhala labourer b'paga anqas. Huwa rrifjuta li jmur jahdem bhala labourer u ghaldaqstant keccewh mix-xoghol u spicca jirregistra.

Illi huwa bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku hawn anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova taghhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jaghtuh lura x-xoghol u kumpens li jisthoqqlu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm.5000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra r-risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Company Ltd., li eccepiet:

Illi r-rikorrent jilmenta li saret ngustizzja mieghu peress li huwa "ma thalliex jaghmel xoghol relatat mal-grad tieghu, imma rieduh jahdem f'grad anqas u konsegwentement gie mkecci mix-xoghol".

Illi dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent inkwantu tirrigwarda t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu stante li dan l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997. Infatti din l-allegazzjoni tar-rikorrent ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. L-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-imsemmi sub-inciz (1) ta' l-artikolu 6 ma jaghti lil dan it-Tribunal kompetenza biex jisma' u jiddeciedi fuq allegata ngustizzja li tikkonsisti f'terminazzjoni ta' impjieg. Specifikatament, il-paragrafi (a) u (b) ta' l-imsemmi subinciz jitkellmu biss fuq "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti". Fl-ebda hin ma jikkontemplaw tkeccija mix-xoghol jew terminazzjoni ta' impjieg.

Illi inoltre dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jiddeciedi dwar din it-talba tar-rikorrent stante li l-ewwel subinciz ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 266 tal-Ligijiet ta' malta, jipprovdi li "Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta... u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-

Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra". In-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tar-rikorrent huwa ghalhekk car u manifest.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, fil-metru l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi r-rikorrent mhux ezatt meta jghid li dahal jahdem mas-socjeta' esponenti fl-1982. Infatti, r-rikorrent gie impjegat biss nhar it-Tnejn 16 ta' Awissu, 1986 bhala plasterer u painter.

Illi lanqas ma hu korrett ir-rikorrent meta jghid li fis-7 ta' Lulju 1987 huwa nghata transfer ghall-Kalaxlokk Delimara. Kien biss fit-18 ta' Gunju, 1990 li r-rikorrent gie sekondat biex jaghmel xoghol ta' plasterer u painter mas-socjeta' F.E.D.C.O. fuq il-progett tal-power station. Fl-ewwel gurnata tas-secondment tieghu, ir-rikorrent irrifjuta li jahdem "overtime" u ghal din ir-raguni l-imsemmija socjeta' bghatet lir-rikorrent lura.

Illi sussegwentement ir-rikorrent nstablu xoghol mal-Kumpanija C & F Enterprises, izda rega rrifjuta ghax qal li ma riedx jahdem fl-industrija tal-kostruzzjoni - ittra ta' l-imsemmija socjeta' annessa u mmarkata bhala "Dok A".

Illi minhabba dan l-atteggjament tieghu, ir-rikorrent ittella quddiem Board ta' Dixxiplina, li in vista tar-record dixxiplinarju xejn sabih tar-rikorrent (anness u mmarkat bhala "Dok B"),

ddecieda li l-impjieg tar-rikorrent kellu jigi tterminat - ara d-decizjoni hawn annessa u mmarkata bhala “Dok C”. Ir-rikorrent hassu aggravat mid-decizjoni ta’ dan il-board u appella. Il-Board tal-Appell, pero’, kkonferma d-decizjoni ta’ l-ewwel board - ara d-decizjoni annessa u mmarkata bhala “Dok D”.

Illi ma jidhirx li r-rikorrent qatt ipprova jiehu l-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali li kellu l-poter biex jaghti rimedju effettiv lir-rikorrent li kieku saret xi ngustizzja mieghu. Illi ghalhekk, is-socjeta’ intimata ma tistax tifhem kif issa r-rikorrent qed jilmenta li saret xi ngustizzja mieghu.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal sejjer jikkwota mis-sentenza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 fejn it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-

Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:
"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"
Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi that il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Fil-kaz in ezami li dwaru r-rikorrent la ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u lanqas ghamel xejn iehor u in fatti lanqas biss deher ghall-ahhar seduta, jidher li l-kaz jirrigwarda tkeccija u ghalhekk mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat, u jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae***.

Spejjez kontra r-rikorrent.